MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2015

Numru 51/2005

Il-Pulizija

(Spettur Nezren Grixti)

vs

Paul Debattista

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita numru 104563(m) akkuzat talli fis-17 ta' Jannar 2005 fi Triq 79 , il-Birgu:

- dolozament bil-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' l-Ispettur Nezren Grixti, Pc138 Joseph Portelli, Pc1473 Simon Deguara, Pc102 Anthony Portelli u Pc599 Clive Mangion, ufficjali pubblici inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt billi saq vettura numru DAD726 tal-ghamla Toyota Caruna fid-direzzjoni taghhom, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali jew indipendenti mill-volonta' tieghu;
- attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, lill l-Ispettur Nezren Grixti, Pc138 Joseph Portelli, Pc1473 Simon Deguara,

Pc102 Anthony Portelli u Pc599 Clive Mangion, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita’ kompetenti;

- volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe’ vettura tal-Pulizija bin-numru ta’ registrazzjoni GVP509 ghad-dannu tal-Gvern ta’ Malta liema hsara hija aktar minn Lm50 izda mhux aktar minn Lm500;
- volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe’ vettura tal-ghamla Peugeot 106 bin-numru ta’ registrazzjoni BAK771 ghad-dannu ta’ Auto Rentals Ltd u l-Gvern ta’ Malta, liema hsara hija aktar minn Lm50 izda mhux aktar minn Lm500;
- volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe’ sinjal tat-traffiku ghad-dannu tal-Kunsill Lokali tal-Birgu liema hsara hija aktar minn Lm10 izda mhux aktar minn Lm50;
- ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta’ l-awtorita’ jew ta’ wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku jew ma haliex jew fixkel waqt li kienu qwed jaghmlu d-dmirijiet taghhom;
- sar recidiv skond l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’sentenza datata 26 ta’ Gunju 2002 minn din l-istess Qorti kif preseduta;
- saq vettura DAD 726 tal-ghamla Toyota Carina matul Triq 79 f’Birgu b’manjiera perikoluza u negligent, kif ukoll saq l-istess vettura b’sewqan eccessiv;

Il-Qorti mitluba li tikkundanna l-imputat ukoll ghall-ispejjes tal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap 9;

Rat ir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali li bih bghat lill-imputat sabiex jigi ggudikat minn dina l-Qorti dwar htija jew nuqqas taghha ghab bazi tal-artikoli tal-ligi citati fl-imsemmi rinviju;

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni biex il-kawza tigi deciza minn dina l-Qorti;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-Avukat Generali fir-rinviju ghall-gudizzju tieghu ghazel li jiskarta l-akkuza ta’ attentat ta’ qtil li biha l-imputat kien akkuzat originarjament u minflokk invoka l-attentat ta’ ferita gravissima taht l-Artikolu 218 tal-Kap 9. Sostnihom fir rigward l-akkuzi l-ohra kif originarjament riportati b’xi varjazzjonijiet b’daqstant li wara r-rinviju ghall-gudizzju l-imputat hu tenut jjirrispondi ta’:

- attentat ta’ ferita gravissima fuq membri tal-korp tal-Pulizija senjatament l-Ispettur Nezren Grixti, Pc138Joseph Portelli, Pc1473 Simon Deguara, Pc102 Anthony Portelli u Pc599Clive Mangion;
- attakk jew resistenza u l-offiza minuri ta’ insulti u theddid kontra l-istess membri tal-korp tal-pulizija;
- hsara volontarja li ma teccedix €2500 lill-vetturi kemm ta’ propjeta tal-Gvern u kemm tal-privat;
- hsara volontarja fuq sinjal tat-traffiku ghad-dannu tal-kunsill lokali tal-Birgu;

dawn l-ahhar zewg offizi imsemmija intizi bhala reat kontinwat;

- feriti gravi u hfief sofferti mill-imsemmija membri tal-Pulizija;
- sewqan b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni jew b'mod perikoluz;
- recidiva, xi kontravenzjonijiet u offizi ohra bi ksur tal-A.L 129/1994.

Dwar l-ahhar imsemmija offizi riferenti ghal avviz legali dan jitratta ma' projibizzjoni ta' importazzjoni ta' asbestos li ma jinkwadra imkien f'din il-kawza - kwindi l-Qorti mhiex ser tiehu aktar konjizzjoni tal-imsemmi Avviz Legali

Intant, dwar il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri xehet l-ufficjal prosekutur li spiega li l-imputat kien, dak iz-zmien, qieghed jigi investigat u ricerkat fuq suspett ta' negozju konness ma' droga u fil-gurnata tas-17 ta' Jannar 2005 intlemah fil-vicinanzi tal-monument tal-helsien il-Birgu jsuq vettura b'numru ta' registrazzjoni DAD726 tal-marka Toyota Karina. Jghid l-ispettur li flimkien ma' Pc138 u Pc102 segwewh f'vettura numru ta' registrazzjoni BAK771 u nnotaw li kien akkompanjat minn persuna ohra. Kompla jghid l-ispettur li f'xi hin l-imputat induna bil-presenza taghhom u accellera u huwa (l-ispettur) ta' istruzzjonijiet lill-unit iehor tal-pulizija biex jimblokkaw it-triq ghall-imputat. Fil-fatt dan sar permezz ta' vettura numru registrazzjoni GVP509. Gara izda li l-imputat baqa' diehel fuq il-gemb din il-vettura u rnexxilu jahrab pero' mhux qabel li iddetreggja ghal fuq il-vettura li fiha kien hemm l-ispettur. Dwar il-vettura li kien qieghed biha l-imputat irrisulta li kienet registrata fuq terz li kien bieghilu xi xahar qabel. Kien biss fid-19 ta' Jannar, ossija jumejn wara, li l-imputat inqabad u gie arrestat mill-Pjazza ta' Rahal Gdid fil-pussess ta' Lm1350.

Il-pulizija konnessi mal-kaz, senjatament Pc1437, Pc102, Pc599 u Pc138 ilkoll xehdu u kkolaboraw dak li xehed l-ispettur. Minn dina x-xhieda tinsab pruvata, biss, pero' altru li sodisfacentement, l-akkuza tas-sewqan perikoluz u dik tal-hsara volontarja. Fil-konfront tal-hsara sofferta liz-zewg vetturi li kienu qed jaghmlu uzu minnhom l-Pulizija f'dik il-gurnata, cioe' dik bin-numru BAK771 u dik bin-numru GVP509 jirrisulta li l-hsara kienet ta' Lm236 u Lm205.30 rispettivament.

Fil-kuntest tal-vettura misjuqa mill-imputat, igifieri dik b'numru ta' registrazzjoni DAD726, u ghal finijiet tal-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap 65, xehed Brian Farrugia mill-Licensing and Testing Directorate li fil-konfront tal-licenzja tat-triq tal-vettura stqarr li kienet skaduta sa minn April elfejn u hamsa;

Mill-bqija l-hsara fuq is-sinjal tat-traffiku tirrisulta fis-somma ta' Lm22.50 u tirrisulta wkoll ir-recidiva izda mhux ukoll il-kontravenzjonijiet citati li dwarhom m'hemmx provi.

Altrimenti, u skond il-Qorti, l-prova tal-mens fl-imputat li jkkaguna feriti gravissimi lill-membri tal-pulizija, addirittura li joqtolhom skond l-imputazzjoni originali, ma treggix. Dan ghandu jirrisulta sija mil-hsarat sofferti mill-vetturi li kienu qed jintuzaw mill-pulizija u sija mill-fatt li ghandu jirrisulta bil wisq car li hemmhekk l-intenzjoni tal-imputat kienet li jahrab kif fil-fatt irnexxilu. Minn x'hiex u ghaliex spiega l-imputat li anka jekk l-versjoni li ta mhux li titwemmen facilment, ma teffettwax din il-kwistjoni tal-mens anka fid-dawl tal-fatt li ma rrisulta imkien mill-provi li xi pulizija sofra xi feriti. Ukoll tafferma l-Qorti hemm nuqqas totali tal-prova li kien hemm theddid u insulti (Artikolu 95 tal-Kap 9) u wkoll li sehh mill-imputat xi attakk jew resistenza kontra l-imsemmija membri tal-pulizija kif stabbilit fl-Artikolu 96 tac-citat Kap.

Inghad dan ghalhekk tiddikjara u ssib l-imputat hati:

i. li ghamel hsara volontarja liz-zewg vetturi li kienu qed jintuzaw mill-pulizija fil-gurnata 'de quo' ; wkoll li ghamel hsara fuq sinjal tat-traffiku;
ii. li saq vettura numru ta' registrazzjoni DAD726 meta ma kinitx koperta b'licenzja u li saq l-imsemmija vettura b'mod perikoluz;

iii. li sar recidiv;

Rat l-Artikolu 325(b)(c), 49, 50 u 17 tal-Kap9 u l-Artikolu 15(1)(a) u 15(2) tal-Kap 65. Tikkundannah multa komplessiva bl-applikazzjoni tal-Artikolu 21 tal-Kap 9 ta' €2000 u tiskwalifikah milli jkollu jew jikseb licenzja tas-sewqan ghal sitt xhur mill-lum.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------